MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 198/2015

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-19 ta' Marzu 1994 (certifikat anness Dok. A), kellhom tifla illum maggorenni u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena tad-9 ta' April 2002; kopja awtentika tal-kuntratt qed tigi hawn annessa u mehmuza bhala Dok. B;
2. Illi l-esponenti tixtieq illi z-zwieg imsemmi jigi mahlul, u tiddikjara :
   a. Illi ghaddew iktar minn erba' snin minn meta l-partijiet isseparaw legalment, u qatt ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni fil-frattemp;
   b. Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
   c. Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti, minn ebda naha;
3. Illi ghaldaqstant jissussistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina il-Qorti tholl iz-zwieg imsemmi u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tholl iz-zwieg taghha ma l-intimat u tiddikjara divorzju skont il-ligi, kif ukoll sabiex dina il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registu Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jiddikjara li ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ April 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------